27 ta' Gunju, 1953.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Vella *versus* Paolo Deguara

**Azzjoni Redibitorja — Vizji Redibitorji — Bejgħ — Annimali — Prova — Art. 1477 tal-Kodiċi Ċivili.**

*F'kawża fejn tiġi eżerċitata l-azzjoni redibitorja, il-prova li d-difett fil-ħaġa mibjugħa kien jeżisti qabel il-bejgħ tinkombi lix-xerrej li jallega dak id-difett. Għax waħda mill-kondizzjonijiet ta' l-azzjoni redibitorja u l-bażi tal-garanzija dovuta mill-venditur, hija l-pre-eżistenza tad-difett.*

*Għaldaqstant, sakemm il-venditur jillimita ruħu jikkontesta l-vizzju, ma għandux bżonn jagħmel ebda prova.*

*Il-prova tal-pre-eżistenza tal-vizzju redibitorju trid tkun tali li tikkonvinċi lill-ġudikant dwar dik il-pre-eżistenza; u min jeżerċita dik l-azzjoni ma jistax jirpoża fuq ebda preżunzjoni, speċjalment fuq dik tal-qosor taż-żmien bejn il-bejgħ u l-manifestazzjoni tad-difett.*

*Jekk l-oġġett tal-bejgħ kien annimal li żviluppa sinjali ta' marda wara l-bejgħ, u l-kumpratur ma jiddenunzjax dak id-difett lill-venditur, u lanqas isejjaħ veterinarju biex jara u jikkonstata l-annimal, u dan wara jmut, għandu jbati l-konsegwenzi x-xerrej, għax b'dak in-nuqqas tiegħu huwa waqa' fi ħtija; u ħtija simili tista' tasal saħansitra biex ittellef l-azzjoni redibitorja.*

*Fil-każ preżenti l-Qorti kkonstatat dan in-nuqqas tax-xerrej; imma minħabba n-natura tad-difett li kellha l-bhima in kwistjoni, iżda (sic) ammet u qatgħet billi akkollat ir-responsabilità tal-mewt ta' l-annimal ugwalment fuq iż-żewġ partijiet.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet opportuni u li jingħataw il-provvedimenti neċessarji, billi l-attur, permezz ta' martu Marianna, xtara fil-bidu ta' Settembru 1952, minn għand il-konvenut, bil-prezz ta' £49, ferħ ta' bagħal, bil-kondizzjoni li huwa kellu jieħdu meta u jekk dan il-bagħal ikun qawwi u sħiħ wara li jiġi msewwi; u billi dan il-bagħal ġie kunsinnat lill-attur, wara li ġie msewwi, fil-31 ta' Ottubru 1952, meta l-konvenut

qallu li kien qawwi u shiħ, mentri kien affett minn vizzju redibitorju; u billi dak il-bagħal miet fid-19 ta' Novembru 1952, għaliex, kif iddikjara l-Veterinarju André Cassar, B.Sc., B.V., M.R.C.V.S., li eżaminah wara l-mewt, kien affett b'marda li ma setax jittendi biha l-attur; prevja d-dikjarazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-bejgħ ta' dak il-ferħ ta' bagħal minħabba vizzju redibitorju, talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur il-prezz imsemmi ta' £49, flimkien ma' £1 oħra li l-attur ħallas lis-sensal għas-senserija u għall-ġarr ta' l-istess bagħal mir-razzett tal-konvenut, l-Imtarfa, għad-dar ta' l-attur, Binġemma. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Novembru 1952;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ma jidherx li hemm kuntrast dwar in-natura ta' l-azzjoni li qiegħed jeżerċita l-attur. Din din hija l-azzjoni redibitorja kontemplata fl-art. 1477 (Kodiċi Ċivili);

Illi l-konvenut, issa li rrinunzja għall-eċċezzjoni tan-nuqqas tal-garanzija (fol. 102), qiegħed isostni li l-bagħal kien b'saħħtu fil-mument tal-bejgħ, u kwalunkwe marda li seta' kien hemm żviluppat wara. L-attur jippretendi li bil-kelma "żviluppat" il-konvenut ġie jammetti li d-difett kien jeżisti minn qabel il-bejgħ; iżda, apparti l-atteġġjament tiegħu ġenerali u kostanti, il-konvenut, fid-dikjarazzjoni annessa man-nota ta' l-eċċezzjonijiet, spjega ruħu aħjar u afferma li "l-mard pretiż mill-attur ma kienx jeżisti waqt il-vendita";

Illi mill-banda l-oħra...........;

Illi l-unika kwistjoni li tifred il-kontendenti hija jekk dak il-vizzju kienx jeżisti fil-bagħal qabel u fil-ħin tal-bejgħ, jew wara;

Illi ta' dan il-prova tmiss lill-attur, għaliex il-pre-eżistenza tad-difett hija waħda mill-kondizzjonijiet ta' l-azzjoni redibitorja, u l-bażi tal-garanzija dovuta mill-venditur. Difatti, malli l-bejgħ jipperfezzjona ruħu, il-vantaġġ u r-riskju tal-ħaġa mibjugħa jgħaddu fuq ix-xerrej (art. 1397 Kodiċi Ċivili), u fil-każ li l-ħaġa tispiċċa b'każ fortuwitu, it-telfa jbatiha x-xerrej (art. 1480 (2) Kodiċi ċitat). Għalhekk, sakemm il-venditur jillimita ruħu jikkontesta l-vizzju, ma għan-

dux bżonn jagħmel ebda prova, għaliex, skond Gasca, "egli ha per sè la presunzione 'juris' che la cosa venduta sia immune da vizi" (Compra-Vendita, Vol. II, § 1568);

Illi dina l-prova għandha tkun tali li tikkonvinċi l-ġudikant dwar il-pre-eżistenza tal-vizzju, u l-attur ma jistax jirpoża fuq ebda preżunzjoni, speċjalment dik tal-qosor taż-żmien bejn il-bejgħ u l-manifestazzjoni tad-difett; għaliex dina l-preżunzjoni mhix fil-liġi, anzi hija kontra l-liġi (Gasca, op. cit., § 1541). Għalhekk anki f'dina l-materja għandha tiġi segwita r-regola li "probatio incumbit et qui dicit", bid-diffikultajiet u l-ostakoli li ġġib magħha;

Illi l-aqwa prova ta' l-attur tikkonsisti fix-xhieda ta' Marianna Vella, martu. Dina, fil-qosor, qalet............... Dina x-xhieda tinsab sostnuta, sa ċertu pont, minn Giuseppe Schembri u Francesco Debono, li raw il-bagħal.............. Il-perit ikkonkluda li l-bagħal miet bit-tetanu.............. u għalkemm ma jistax jaċċerta meta l-bhima ħadet l-infezzjoni, hass li seta' jafferma li ħaditha xi żmien bejn il-ġurnata ta' l-operazzjoni tat-tiswija u dik li fiha sar l-eżami minn Restall għaċ-ċertifikat, jiġifieri dejjem qabel il-konsenja tal-bhima lill-attur;

Illi l-Qorti ma ssibx motiv biex tiskarta dina l-konklużjoni, speċjalment meta tikkunsidra..............;

Illi l-konvenut ġieb diversi provi, li fil-fehma tal-Qorti ma humiex suffiċjenti biex iwaqqgħu t-teżi ta' l-attur...........;

*Omissis;*

Illi, fl-aħħarnet, kif sewwa rrileva l-perit ġudizzjarju, il-veterinarji Victor Restall u Andrea Cassar ma jfornux ebda prova rigward l-eżistenza tal-vizzju, u speċjalment iż-żmien li fih kien jinsab l-annimal;

Illi l-konvenut irrileva li, skond ix-xhieda ta' Marianna Vella, il-bagħal kien jiekol sewwa u jixrob ħafna, u l-bagħal ma marx lura, anzi aktarx avanza; u minn dawn iċ-ċirkustanzi jrid jasal għall-konklużjoni li l-bagħal ma kienx affett bil-marda tat-tetanu, għaliex biha ma kienx ikun jista' jiftaħ ħalqu. Ta' min josserva, però, li t-tetanu mhux neċessarjament ikun ġenerali u jattakka anki l-muskoli tal-maxxelli. Difatti, skond il-Hurtrel D'Arboral, ċitat mill-istess konve-

nut, "il solo caso in che si possa sperare guarigione da una diligente cura si è quando il tetano è *limitato al dorso* ed ai lombi, perchè l'infermo può allora mangiare e prendere i medicamenti" (*Dizionario di Medicina, Chirurgia, Igiene Veterinaria*, Vol. V, pag. 386, col. 2da. in fine, voce Tetano). Ta' l-istess fehma huwa Simeone Rigoni (Trattato di Patologia Speciale Veterinaria, pag. 488, col. 1a.). Għalhekk, ladarba l-bagħal baqa' jiekol u jixrob, ifisser li t-triżma (jiġifieri l-kontrazzjoni tal-muskoli tal-maxxelli) jew ma kienx jeżisti, jew kien ħafif ħafna, u l-bhima ma marretx lura fil-fiżiku tagħha. Evidentement l-attakk tal-marda assuma *forma* beninja u kien hemm possibilità ta' fejqan kieku ttieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa. Iżda l-attur mhux biss ma ddenunzjax il-marda lill-konvenut, imma lanqas sejjaħ veterinarju biex jara u jikkura l-bagħal;

Dana, fil-fehma tal-Qorti, jammonta għal ħtija (culpa), li tagħha l-attur għandu jbati l-konsegwenzi. Igħid Ulpiano: "Culpam omnem accipiemus, non utique latam; propter quod dicendum est, quamcumque occasionem mortis emptor praestitit, debere eum etiam si non adhibuit medicum ut sanari possit, vel malum adhibuit, sed culpa sua" (L. 31, § 12 Dig. de red. act.). Din il-ħtija tista' twassal saħansitra għat-telf ta' l-azzjoni redibitorja (Gasca, op. ċit., §§ 1584 u 1585, u Pacifici Mazzoni, Vendita I, § 265, pag. 485 in fine, u § 273 pag. 505); iżda f'dan il-każ, in vista tan-natura tad-difett, il-Qorti tirritjeni li r-responsabilità tal-mewt ta' l-annimal għandha tinqasam bejn il-partijiet ugwalment;

*Omissis*;

Għal dawna r-raġunijiet;

Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur, billi tiddikjara riżolut il-bejgħ tal-bagħal minħabba vizzju redibitorju;

U tilqa' t-tieni talba fis-sens biss li tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £25;

L-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti bin-nofs.